

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/62/KE****tat 12 ta' Lulju 2006****li temenda l-Annessi fid-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal desmedipham, phenmedipham u chlorfenvinphos****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE ta' 23 ta' Novembru ta' l-1976 dwar l-iffissar tal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq il-frott u l-ħaxix <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi f'oġġetti ta' l-ikel u fuqhom li ġejjin mill-annimali <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE ta' 27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi tal-pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti oriġinarji mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħaxix <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ta' 15 ta' Lulju 1991 li għandha x'taqsam mat-tqegħid fis-suq <sup>(5)</sup> ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f), tagħha,

Billi:

(1) Is-sustanzi attivi eżistenti, ġew inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/58/KE <sup>(6)</sup>.<sup>(1)</sup> ĠU L 340, 9.12.1976, p. 26. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/59/KE (ĠU L 175, 29.6.2006, p. 61).<sup>(2)</sup> ĠU L 221, 7.8.1986, p. 37. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/59/KE.<sup>(3)</sup> ĠU L 221, 7.8.1986, p. 43. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/59/KE.<sup>(4)</sup> ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/59/KE.<sup>(5)</sup> ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/45/KE (ĠU L 130, 18.5.2006, p. 27).<sup>(6)</sup> ĠU L 120, 24.4.2004, p. 26.

(2) L-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanzi attivi kkonċernati kienet ibbażata fuq il-valutazzjoni tat-tagħrif ippreżentata li għandha x'taqsam ma' l-użu propost tagħhom. It-tagħrif dwar dan l-użu ġie ppreżentat minn ċerti Stati Membri skond l-Artikolu 4(1)f tad-Direttiva 91/414/KEE. It-tagħrif disponibbli ġie rivedut u huwa biżżejjed sabiex jippermetti li jiġu ffissati ċerti livelli massimi ta' residwi (LMR).

(3) Għal chlorfenvinphos ġie deċiż mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2002 <sup>(7)</sup> li din is-sostanza ma tiġix inkluża fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Ċerti Stati Membri huma permessi li jżommu ċerti awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' prodotti li fihom chlorfenvinphos fis-seħħ sat-30 ta' Lulju 2007.

(4) Hemm diġà LMR tal-Komunità għal chlorfenvinphos fid-Direttiva 76/895/KEE. Għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jiġu ffissati l-LMR għal chlorfenvinphos fid-Direttiva 90/642/KEE.

(5) Ir-rapporti ta' reviżjoni tal-Kummissjoni li tħejjew għall-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanzi attivi kkonċernati, iffissaw id-Doża Aċċettabbli ta' Kuljum (ADI) u jekk meħtieġ, id-Doża Akuta ta' Referenza (ARfd) għal dawn is-sustanzi. L-espożizzjoni matul il-ħajja tal-konsumaturi għal prodotti ta' l-ikel trattati bis-sustanzi attivi kkonċernati ġiet ivvalutata skond il-proċeduri tal-Komunità. Ittieħdu wkoll f'kunsiderazzjoni l-linji ta' gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa <sup>(8)</sup> u l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti <sup>(9)</sup> dwar il-metodoloġija użata. Huwa konkluż li l-LMR proposti mhumiex se jwasslu li jinqabżu l-ADI jew l-ARfd.<sup>(7)</sup> ĠU L 319, 23.11.2002, p. 3. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament KE Nru 1335/2005 (ĠU L 211, 13.8.2005, p. 6).<sup>(8)</sup> Linji ta' Gwida għat-tbassir tal-konsum djetetiku ta' residwi tal-pestiċidi (riveduti), imħejjija mill-GEMS/Programm ta' Ikel f'kollaborazzjoni mall-Kumitat Codex fuq ir-Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).<sup>(9)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti dwar mistoqsijiet ralatati ma' l-emendar ta' l-annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE 86/363/KEE u 90/642/KEE (Opinjoni espress mill-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti, 14 ta' Lulju 1998) ([http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/index\\_en.html](http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/index_en.html)).

- (6) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur ikun imħares b' mod adattat mill-espożizzjoni tar-residwi li jirriżultaw minn użu mhux awtorizzat ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, l-LMR proviżorji għandhom jiffasslu għall-kombinazzjonijiet rilevanti ta' prodott/pestiċida fl-anqas livell ta' determinazzjoni ta' analiżi.
- (7) L-iffissar fil-livell tal-Komunità ta' LMR proviżorji bħal dawn ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jistabbilixxu livelli ta' LMR proviżorji għas-sustanzi kkonċernati skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u l-Anness VI tagħha. Huwa kkunsidrat li perjodu ta' erba' snin huwa biżżejjed sabiex jippermetti iktar utilizzazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati. Il-LMR proviżorju għandu mbagħad isir definittiv.
- (8) Huwa għalhekk meħtieġ li jiżiedu l-LMR kollha li joriġinaw mill-użu ta' dawn il-prodotti tal-ħarsien tal-pjanti għall-Annessi mad-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE sabiex jippermettu sorveljanza u kontroll adattati tal-projbizzjoni ta' l-użu tagħhom u sabiex iħarsu l-konsumatur. Fejn il-LMR ma ġewx definiti s'issa, huwa xieraq li jiffasslu għall-ewwel darba.
- (9) Dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/895/KEE li ffixxaw il-LMR għall-chlorofenvinphos għandhom jiħassru bħala konsegwenza.
- (10) Għalhekk id-Direttivi 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE għandhom jiġu emendati skond dan.
- (11) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Fl-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE, tħassret il-linja għall-chlorofenvinphos.

*Artikolu 2*

L-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE huwa emendat skond l-Anness I ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

L-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE huwa emendat skond l-Anness II ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

L-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE huwa emendat skond l-Anness III ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

1. L-Istati Membri se jadottaw u jipubblikaw, sa mhux iktar tard mill-20 ta' Jannar 2008, il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma se jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma se japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-21 ta' Jannar 2008.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva se tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, nhar it-12 ta' Lulju 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
Markos KYPRIANOU  
*Membru tal-Kummissjoni*

## ANNEX I

Fil-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/362/KEE, jiżdiedu l-linji li ġejjin għal desmedipham, phenmedipham u chlorfenvinphos:

Residwu tal-pestiċida	Livell massimu fmg/kg
Desmedipham	0,05 (*) (P) ċereali
Phenmedipham	0,05 (*) (P) ċereali
Chlorfenvinphos (total ta' iżomeri E- u Z-)	0,02 (*) ċereali

(\*) tindika l-limitu ta' isfel tad-determinazzjoni analitika

(P) tindika li l-livell massimu ta' residwu jkun ġie stabbilit proviżorjament skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE."

## ANNEX II

Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti A, tiżdied il-linja li ġejja għal chlorfenvinphos:

Residwi ta' pestiċidi	Livell massimu fmg/kg		
	tax-xaħam fil-laħam, preparazzjonijiet tal-laħam, il-ġewwieni u xaħmijiet ta' l-annimali elenkati fl-Anness I taħt l-intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602 (1) (4)	ta' ħalib tal-baqra u ħalib tal-baqra sħiħ elenkat fl-Anness I taħt l-intestaturi Nru 0401; għal oġġetti ta' l-ikel oħra fl-intestaturi Nri. 0401, 0402, 0405 00 u 0406 skond (2) (4)	ta' bajd frisk bil-qoxra, ta' bajd ta' l-għasafar u l-isfar tal-bajd elenkati fl-Anness I taħt l-intestaturi Nri 0407 00 u 0408 (3) (4)
"Chlorfenvinphos (total ta' iżomeri E- u Z-)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)

(\*) tindika l-anqas limitu tad-determinazzjoni analitika"

(2) Fil-Parti B, tiżdied il-linja li ġejja għal phenmedipham:

Residwi ta' pestiċidi	Livell massimu fmg/kg		
	tal-laħam, inkluż xaħam, preparazzjonijiet ta' laħam, il-ġewwieni u xaħmijiet ta' l-annimali elenkati fl-Anness I taħt l-intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602	Għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib elenkati fl-Anness I taħt l-intestaturi Nri. 0401, 0402, 0405 00 u 0406	ta' bajd frisk bil-qoxra, ta' bajd ta' l-għasafar u l-isfar tal-bajd elenkati fl-Anness I taħt l-intestaturi Nri 0407 00 and 0408
"Phenmedipham (Methyl-N-(3-hydroxyphenyl) carbamate (MHPC) espress bħala phenmediphan)	0,05 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,05 (*) (P)

(\*) tindika l-aktar limitu baxx tad-determinazzjoni analitika

(P) tindika li l-livell massimu proviżorju ta' residwu jkun ġie stabbilit skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm ma jiġix emendat, dan il-livell se jsir definittiv b'effett mid-9 ta' Awwissu 2010."

## ANNEX III

Fil-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE, jiżdiedu l-kolonna li ġejjin għal desmedipham, phenmedipham u chlorfenvinphos:

Residwu ta' Pestiċida u livell massimu ta' residwu (mg/kg)			
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw il-LMR	Desmedipham	Phenmedipham	Chlorfenvinphos (total ta' iżomeri E- u Z-)
<b>1. Frott, frisk, immixxef jew nej, ippriservat fil-friża, li ma fihx zokkor miżjud; ġewż</b>	0,05 (*) (P)		0,02 (*)
(i) IL-FROTT TAĊ-ĊITRU		0,05 (*) (P)	
Grejpfrut			
Lumi			
Lajm			
Mandolin (inklużi l-klementini u ibridi oħra)			
Larinġ			
Pomelos			
Oħrajn			
(ii) ĠEWŻ TAS-SIĠAR (bil-qoxra jew mingħajrha)		0,05 (*) (P)	
Lewż			
Ġewż tal-Brażil			
Ġewż ta' l-anakardju ( <i>Cashew</i> )			
Qastan			
Ġewż ta' l-Indi ( <i>Coconuts</i> )			
Ġellewż			
Makadamja			
Ġwież tal-Pekan			
Ġewż ta' l-arznu ( <i>pine nuts</i> )			
Pistaċċi			
Ġewż			
Oħrajn			
(iii) FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA ( <i>POME FRUIT</i> )		0,05 (*) (P)	
Tuffieħ			
Lanġas			
Sfarġel			
Oħrajn			
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA		0,05 (*) (P)	
Berquq			
Ċirasa			
Ħawħ (inkluż in-nuċipriisk u ibridi simili)			
Għanbaqar			
Oħrajn			
(v) FROTT ŻĠĦIR IMĠERREB BĦALL-FRAWLI			
(a) Għeneb ta' l-ikel u ta' l-inbid		0,05 (*) (P)	
Għeneb ta' l-ikel			
Għeneb ta' l-inbid			

Residwu ta' Pestiċida u livell massimu ta' residwu (mg/kg)			
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw il-LMR	Desmedipham	Phenmedipham	Chlorfenvinphos (total ta' iżomeri E- u Z-)
(b) Frawli (ħlief dak salvaġġ)		0,1 (*) (P)	
(c) Frott tal-qasab (ħlief dak salvaġġ)		0,05 (*) (P)	
Tut			
Dewberries			
Loganberries			
Lampun			
Oħrajn			
(d) Frott żgħir ieħor (ħlief dak salvaġġ)		0,05 (*) (P)	
Mirtill			
Cranberries			
Passolina (aħmar, iswed u abjad)			
Ribes			
Oħrajn			
(e) Berries u frott salvaġġ		0,05 (*) (P)	
(vi) DIVERSI		0,05 (*) (P)	
Avokado			
Banana			
Tamal			
Tin			
Kiwi			
Kumquats			
Litchis			
Mango			
Żebbuġ (għall-ikel)			
żebbuġ (estrazzjoni taż-żejt)			
Papaja			
Passion fruit			
Ananas			
Rummien			
Oħrajn			
<b>2. Ħxejjex, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew immnixfin</b>	0,05 (*) (P)		
(i) ĦXEJJEX FIL-FORMA TA' TUBERI JEW GĦERUQ			
Pitrava zokkrija		0,1 (*) (P)	
Karrotti			0,5
Cassava			
Krafes			
Għerq tal-mustarda			
Qaqoċċ			
Zunnarija bajda			0,5
Għeruq tat-tursin			
Ravanell			0,5

Residwu ta' Pestiċida u livell massimu ta' residwu (mg/kg)			
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw il-LMR	Desmedipham	Phenmedipham	Chlorfenvinphos (total ta' iżomeri E- u Z-)
Sassefrika			
Patata ħelwa			
Swedes			0,5
Ġdur			0,5
Jam			
Oħrajn		0,05 (*) (P)	0,02 (*)
(ii) ĦXEJJEX TAĦT FORMA TA' BASAL		0,05 (*) (P)	
Tewm			0,5
Basal			
Basal li jikber bħala għanqud imsejjaħ <i>Shallots</i>			0,5
Basal imsejjaħ <i>Spring onions</i>			
Oħrajn			0,02 (*)
(iii) ĦXEJJEX LI HUMA L-FROTTA TAL-PJANTA		0,05 (*) (P)	
(a) Solanacea			0,02 (*)
Tadam			
Bżar			
Brunġiel			
Okra			
Oħrajn			
(b) Għerq Cucurbitstal-qara' tal-fliexken - tal-qoxra li tittielkel			
Ħjar			
Gherkins			
Zukkini			0,1
Oħrajn			0,02 (*)
(c) <i>Cucurbits</i> - tal-qoxra li ma tittikilx			0,02 (*)
Bettieħ			
Ħxejjex li jissejħu <i>squashes</i>			
Dulliegħ			
Oħrajn			
(d) Qamħirrum			0,02 (*)
(iv) ĦXEJJEX BRASSICA		0,05 (*) (P)	
(a) Brassika li tagħmel il-fjuri			0,02 (*)
Brokkli (inkluża l- <i>Calabrese</i> )			
Pastard			
Oħrajn			
(b) Brassica bir-ras			
Kaboċċi ta' Brussell			0,1
Kaboċċi tar-ras			0,5
Oħrajn			0,02 (*)
(c) Brassika bil-weraq			0,02 (*)

Residwu ta' Pestiċida u livell massimu ta' residwu (mg/kg)			
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw il-LMR	Desmedipham	Phenmedipham	Chlorfenvinphos (total ta' iżomeri E- u Z-)
Kaboċċi taċ-Ċina			
Kale			
Oħrajn			
(d) Qarabali			0,3
(v) ĦXEJJEX LI JITTIEKLU L-WERAQ TAGĦHOM U ĦAXIX AROMATIKU FRISK			
(a) Ħass u simili		0,05 (*) (P)	
Krexxuni			0,1
Ħass tal-ħaruf			0,1
Ħass			
Scarole (endive tal-werqa wiesgħa)			
Rukola			
Weraq u zkuk tal-brassika			
Oħrajn			0,02 (*)
(b) Spinaċi u simili		0,5 (P)	
Spinaċi			0,1
Weraq tal-pitravi			
Oħrajn			0,02 (*)
(c) Krexxuni ta' l-ilma		0,05 (*) (P)	0,02 (*)
(d) Witloof		0,05 (*) (P)	0,02 (*)
(e) Ħxejjex aromatiċi		0,05 (*) (P)	
Maxxita			
Kurrat selvaġġ			
Tursin			0,5
Weraq tal-karfus			
Oħrajn			0,02 (*)
(vi) ĦXEJJEX LEGUMI (friski)		0,05 (*) (P)	0,02 (*)
Fażola (bil-minżwed)			
Fażola (mingħajr minżwed)			
Piżelli (bil-minżwed)			
Piżelli(mingħajr minżwed)			
Oħrajn			
(vii) ĦXEJJEX FORMA TA' ZOKK (friski)			
Asparagu			0,1
Kardun			
Karfus			0,5
Bużbież			
Qaqoċċa		0,2 (P)	
Kurrat			0,1
Rabarbru			
Oħrajn		0,05 (*) (P)	0,02 (*)

Residwu ta' Pestiċida u livell massimu ta' residwu (mg/kg)			
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw il-LMR	Desmedipham	Phenmedipham	Chlorfenvinphos (total ta' iżomeri E- u Z-)
(viii) FAQQIEGĦ		0,05 (*) (P)	
(a) Faqqiegħ ikkoltivat			0,05
(b) Faqqiegħ salvaġġ			0,02 (*)
<b>3. Ġħażż</b>	0,05 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,02 (*)
Fażola			
Għads			
Piżelli			
Oħrajn			
<b>4. Żrieragħ taż-żejt</b>	0,1 (*) (P)	0,1 (*) (P)	0,02 (*)
Żerriegħa tal-kittien			
Karawett			
Żerriegħa tal-peprin			
Ġulġlien			
Żerriegħa tal-ġirasol			
Żerriegħa tal-lift			
Żerriegħa tas-soya			
Żerriegħa tal-mustarda			
Żerriegħa tal-qoton			
Żerriegħa tal-qanneb			
Oħrajn			
<b>5. Patata:</b>	0,05 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,02 (*)
Patata bikrija			
Varjazzjonijiet ta' patata			
<b>6. Tè (weraq immnixxef u zkuk, iffermentati jew mod ieħor, <i>Camellia sinensis</i>)</b>	0,1 (*) (P)	0,1 (*) (P)	0,05 (*)
<b>7. Il-Ħopp (imnixxef), inklużi l-gerbub żġħir tal-ħopp u t-trab mhux ikkonċentrat,</b>	0,1 (*) (P)	0,1 (*) (P)	0,05 (*)

(\*) tindika l-aktar limitu baxx tad-determinazzjoni analitika

(P) tindika li l-livell massimu ta' residwu jkun ġie stabbilit proviżorjament skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE."